# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 68/2018**

Il-Pulizija

vs

**Allan Schiavone**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 130182(M)

Illum 26 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Allan Schiavone quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli Inqast li taghti lil SHIRLEY PARNIS, is-somma ta' 400 EURO FIX-XAHAR, ffissata minn dik il-qorti jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek u/jew martek, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma."

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Frar, 2018 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemi imputat hati tal-akkuza kif

dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Allan Schiavone minnu pprezentat fil-21 ta' Frar, 2018 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tad-19 ta' Frar 2018 u tilliberah mill-akkuzi u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Illi jidher car li l-Appellant ma kienx jaf bi proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u bhala rizultat ma setax jottempra ruhu mad-digriet.

Illi minkejja d-digriet huwa datat 27 ta' Settembru 2017, l-Appellant kien jaf ferm wara u b'hekk kellu jkun marbut mad-digriet minn meta sar jaf. Jekk ma kienx jaf bid-digriet ma setax ikun qed jikkommetti reat u jew kontravenzjoni.

Illi ghar-rigward il-pieni ta' gimgha detenzjoni, l-esponent ihoss li dan mhux ekwu u gust fic-cirkostanzi li se mai naqas ghal xahar biss. Bil-gimgha detenzjoni jkun qieghed fil-periklu li jitlef xogholu bir-rizultat b'effett akbar.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubeu, 2018 l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile li min naha taghha ddikjarat li ma ghandhiex aktar interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Allan Schiavone fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellant taht il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum.